**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A26-09

27 ta' Jannar 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/26**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 29 ta' Jannar 2009, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Mozzjoni
6. Approvazzjoni tat-*Trial Balance First Quarter*
7. *Tender for the Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira* – Diskussjoni u approvazzjoni
8. Diskussjoni dwar il-Latrina Pubblika
9. *Computer Courses*
10. Affarijiet oħra
11. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dunstan Attard
Viċi Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

12 ta' Frar 2009

Ref Nru.Klg5/026

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/26 li saret il-Ħamis 29 ta' Jannar 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat:**

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-27 ta' Jannar 2009

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 30 ta' Diċembru 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Paġna Nru: 8 para 5.3 minflok il-kelma '*refund*' trid tinbidel u ssir '*winning prize*'

Din il-korrezzjoni tressqet mill-Viċi-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

Wara diskussjoni qasira l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 2 para 2.1. – Latrina Pubblika

Il-Kunsillier Joe Camilleri ta rendikont tal-laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-*Cleansing Services Department* fejn fost affarijiet oħra ġie deċiż li d-Dipartiment iħallas il-*labour* filwaqt li l-Kunsill jissupplixxi l-materjal. Huwa kompla jgħid, li kien ser ikellem lill-Perit tad-ditta Polidano Bros. dwar il-kwestjoni ta' ħlas pendenti għall-ħsarat kkawżati fil-lokalita' waqt tqegħid ta' *cable* tad-dawl li l-Kunsill kellu xi ftit ta'żmien ilu ma' din id-ditta fejn din ta' l-aħħar kienet infurmat verbalment, li minflok flus kienet lesta li tagħti xogħol *in kind* u għalhekk, kien ser jitlob il-planki għas-saqaf għal din il-latrina. Huwa żied jgħid apparti dan, kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill għas-somma ta' €4,658.75 sabiex ikun jista' jinxtara l-materjal u l-aċċessorji kollha neċessarji.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, kemm mal-proposta li għamel il-Kunsillier Joe Camilleri fir-rispett ta' Polidano Bros kif ukoll, għan-nefqa hawn fuq imsemmija.

### 2.2. Paġna Nru: 3 para 2.5.

Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li l-*lift* fl-*Activities Centre* kien ġie nstallat u tħaddem bi prova, u li kien jonqos biss kien, il-*compliance certificate*. Huwa kompla jgħid, li x-xogħol kemm fuq is-suffett kif ukoll, fuq l-*air-conditioners* kien tlesta wkoll.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu flimkien mal-membri tal-Kumitat ta' l-Anzjani kienu qed iħejju program għal meta jibda jopera dan iċ-Centru u kien qed jistieden lill-Kunsillieri biex jekk għandhom x'ideat dwar x'jista' jiġi organizzat, jinfurmawh.

### 2.3. Paġna Nru: 4 para 2.6. – *Bus Shelter* fi Triq D'Argens

Il-Kunsill kien ikkuntattja lill-Kunsillier Ian Micallef, fejn dan informa li sa fejn kien jaf hu, kien hemm ittra mibgħuta mid-ditta Gasan Properties Ltd li dak iż-żmien ma kienx hemm oġġezzjoni għat-tqegħid tal-*Bus Shelter*.

Il-Kunsill ġie nfurmat li saru riċerki sa l-1996 dwar din il-materja iżda s'issa ma kienet instabet ebda dokumentazzjoni li tikkonferma n-*no objection*.

**2.4. Paġna Nru: 4 para 2.8. –** rigward il-parti l-oħra ta' l-i*sponsorship* tal-pitturi ta' Esprit Barthet, ġie deċiż li l-Viċi-Sindku għandu jkellem lid-ditta *Dahlia Real Estate Services*.

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Bank of Valletta* ma kienx laqa t-talba għall-i*sponsorship* tal-pitturi hawn fuq imsemmija.

**2.5. Paġna Nru: 6 para 3.7**

Iċ-*Chairman* qal, li s-seduta fl-atti ta' l-arbitraġġ ġiet diferrita.

**2.6. Paġna Nru: 6 para 3.11 - *Accountant* Mario Magro Conti**

Rigward is-suġġett hawn fuq sopraċitat, il-Kunsill irċieva risposta fejn is-Sur Mario Magro Conti ma setgħax ikompli jagħti s-servizz tiegħu minħabba raġunijiet ta' saħħa. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġie nfurmat b'dan kif ukoll, kellu japprova l-pubblikazzjoni ta' l-*Expression of Interest* għas-Servizz ta' *Accountant*.

**2.7. Paġna Nru: 8 – para 5.3.**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li s-Sur Ryan Schembri għan-nom tal-programm Ħadd Għalik qal, li l-*winning prize* ser jingħata fl-aħħar ta' Frar 2009. Hi kompliet tgħid, li t-tabella tas-*Central Strip* saret mill-M.E.P.A. u meta l-Perit jikkonferma u jiċċertifika x-xogħlijiet, il-Kunsill ikun jista' jiġbor il-ħlas mill-U.I.F.

Iċ-*Chairman* talab sabiex jiġu trattati *items* Nru: 4 – Approvazzjoni ta' *Request Sheets,* Nru: 5 – Mozzjoni u Nru: 6 – Approvazzjoni tat-*Trial Balance First Quarter.*

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 944 sa Nru. 998 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kont ta' Steve's Engineering li kien jammonta għall-€11,682.00 għall-installar tal-*lift*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li peress li d-ditta hawn fuq imsemmija ma talbitx *deposit* meta ngħata l-kuntratt, kien qed jipproponi li l-Kunsill iħallas 50% u l-bilanċ jitħallas meta l-*lift* jibda jiffunzjona.

Il-Kunsillier Victor Rutter ippropona, li minħabba l-fatt li Steve's Engineering kien ta sena garanzija, l-opinjoni tiegħu kienet, li din id-ditta titħallas 50% u l-bilanċ jitqassam sat-tmiem tas-sena tal-garanzija għaliex jista' jagħti l-każ, li jekk jitħallas l-ammont kollu, l-Kunsill ma jingħatax l-*after sales service* kif hemm imnizzel fl-istess *tender*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jitħallas 50% mill-kont jiġifieri €5,841.00 kif ukoll, li r-*Request Sheets* minn Nru. 944 sa Nru. 998 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**5. Mozzjoni – re konservazzjoni ta' l-enerġija u sabiex jitnaqqas il-konsum ta' l-elettriku**

**5.1.** Minħabba l-fatt li l-Kunsillier Malcolm Camilleri bħala sekondant għal din il-mozzjoni ma kienx preżenti, ġie deċiż li din tiġi diskussa waqt laqgħa li jattendu l-Kunsillieri kollha.

**6. Approvazzjoni tat-*Trial Balance First Quarter***

**6.1.** Wara li ntalbu xi kjarifiki dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi li kopja kienet intbagħtet lill-membri kollha tal-Kunsill flimkien ma' l-*Agenda* u l-minuti, t-*Trial Balance First Quarter* ġie approvat unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard suġġett għal xi kummenti li jista' jagħmel il-Kunsillier Ian Micallef minħabba li ma kienx għadu preżenti għall-laqgħa.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-29 ta' Jannar 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kumitat ta' l-Anzjani għandu jkun nominat għan-Nazzareno Vassallo Award 2008.

**3.4.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni rigward talba għall-installazzjoni ta' *tower crane* fi Triq il-Ġnien kif ukoll, riżervat żewġ parkeġġi għas-*supply trucks*, mibgħuta mid-ditta RED Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-P.R. ta' l-A.D.T. kien informa, li meta tkun ser tingħalaq xi triq, l-Kunsill apparti l-permess, irid javża lill-media kollha u jekk tkun xi triq li minnha jgħaddi t-trasport pubbliku, ikollu bżonn in-*no objection* tal-*Public Transport Directorate*.

Hi kompliet tgħid, li l-pratika li jiġi nfurmat id-Direttorat tat-trasport pubbliku, l-Kunsill kien ilu li jaddottaha u meta staqsiet għal liema liġi kien qed jirreferi li tirregola din il-materja fir-rispett tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż lill-media kollha, t-tweġiba kienet, li ma toħroġ mill-ebda liġi.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* qal li fl-opinjoni tiegħu, jkun għaqli jekk il-Kunsill jinforma lis-Sur Jimmy Magro, s-Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Ian Micallef daħal għall-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillier Ian Micallef iressaq jekk kellu, xi kjarifiki dwar it-*Trial Balance First Quarter*.

In vista tal-fatt, li l-Kunsillier hawn fuq imsemmi ma kellu ebda kjarifika, t-*Trial Balance First Quarter* ġie approvati unanimament.

Minħabba l-fatt, li anke l-Perit Joe Bugeja kien wasal għall-laqgħa, l-Kunsill iddeċieda li tiġi trattata *item* Nru: 7 ta' l-*Agenda.*

**7. *Tender for the Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira* Diskussjoni u Approvazzjoni.**

**7.1.** Il-Kunsill għamel referenza għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret it-Tnejn 12 ta' Jannar 2009, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill li għaliha attendew il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri u Malcolm Camilleri flimkien mal-Periti Joe Bugeja u Matthew Bugeja u l-Perit Stephen Tonna għan-nom tad-ditta Polidano Bros u li kopja tagħhom kienet intbagħtet ma' l-*Agenda*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li wara li ġiet ippubblikata t-*tender* hawn fuq imsemmija, huwa flimkien mal-Perit kienu għamlu *site meeting* fejn ġew notati xi varjazzjonijiet u għalhekk, saret referenza għall-*e-mail* mibgħuta mill-Perit (ara *Appendix* 2).

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill kien qed jimxi ħażin għax il-varjazzjonijiet huma riżultat ta' meta jkun qed isir ix-xogħol u staqsa jekk t-*tenderers* kollha ġewx infurmati u mitluba jekk hu l-każ, jagħmlu *revised submission* dwar dawn l-varjazzjonijiet.

Huwa staqsa wkoll, jekk dawn il-varjazzjonijiet jistgħux jaffettwaw l-offerti mitfuha mis-sottomettenti b'tali mod li jvarjaw ir-*rating* mogħti mill-istess Kunsill fil-laqgħa preċedenti.

Il-Kunsillier Joe Camilleri għamel referenza għall-kumment tal-Kunsillier Anthony Abela fejn dan ta' l-aħħar qal, li wieħed mis-sottomettenti *Road Maintenance Services* li rebaħ it-*tender* ta' l-*Embellishment tal-Housing Estate* u ma żammx mal-*contract period* kif kien stipulate fl-istess *tender*. u għalhekk f'dan l-istadju kien baqa' żewġ *tenderers – Polidano Bros Ltd* u *V & C Contractors*. Huwa kompla jgħid, li d-ditta *V & C Contractors Ltd* kienet ferm għola mill-ammont approvat mill-U.I.F. filwaqt li d-ditta *Polidano Bros. Ltd* kienet l-aktar waħda attrezzata.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu kien jaqbel mal-kummenti tal-laqgħa li saret hawn fuq imsemmija iżda f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jinformahom sabiex tkun addotta l-istess proċedura mas-sottomettenti kollha kif ukoll, anke biex jiġu evitati li jitressqu x'appelli fil-konfont tal-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li hu jirrakkomanda li għandu jinforma lid-ditti *Road Maintenance Services* u *V & C Contractors Ltd* b'dawn il-varjazzjonijiet, li ssir laqgħa magħhom bħal ma saret mad-ditta *Polidano Bros Ltd*., li jekk dawn il-varjazzjonijiet b'xi mod jistgħu jwasslu għal xi tibdil fil-prezz, dawn għandhom jissottomettu r-rati ġodda tagħhom u wara li jiġi eżawrit dan il-proċess, il-Kumitat maħtur jagħmel mill-ġdid rakkomandazzjoni sabiex sussegwentament ssir laqgħa tal-Kunsill apposta biex tiġi diskussa u deċiża l-għotja ta'dan it-*tender*.

Il-Kunsillier Ian Micallef staqsa, jekk ir-rati sottomessi kienux ir-rati tal-*Bill of Quantities.*

Il-Perit Joe Bugeja wieġeb fl-affermattiv u qal li nistgħu nvarjaw billi nnaqsu u nżidu kwantitajiet fil-*Bill of Quantities* ġia ppubblikati.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li xorta tibqa' l-problema li hu semma aktar 'l fuq fil-laqgħa kif ukoll, abbażi ta' l-i*spreadsheet* imħejjija mill-Kumitat ad hoc, kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jitlob kjarifiki dwar ċertu *items* fil-*Bill of Quantities* minħabba li kien hemm deskrepanza kbira u dan anke meta mqabbel mar-rata mħejjija mill-Perit tal-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsillier Ian Micallef kellu punt legali u għalkemm ir-rakkomandazzjoni kienet għad-ditta *Polidano Bros*., il-Kunsill irid jagħmel l-istess maż-żewġ sottomettenti l-oħra.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu fl-opinjoni tiegħu kien jifli bir-reqqa l-*costings* kollha u wara jikkuntattja lit-*tenderers* kif ukoll, bl-ebda mod it-*tenderers* ma setgħu jbidlu l-prezz mitfuħ.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb, li hu bl-ebda mod ma kien qed referenza għall-bdil fil-prezz mitfuħ iżda, kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jitlob *breakdown* sabiex ikun ċert li t-*tenderers* fehmu dak li jrid minnhom il-Kunsill.

Abażi tal-mistoqsija taċ-*Chairman* dwar x'kien l-aħjar mod ta' kif il-Kunsill għandu jipproċedi, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Perit għandu jikteb sabiex is-sottomettenti jikkjarifikaw punt 1.03 u 1.06 tal-*Bill of Quantities* fejn kienet tidher l-akbar deskrepanza kif ukoll, *breakdown* tar-rata ta' kif is-sottomettenti waslu għall-ammont.

Iċ-*Chairman* xtaq ikun jaf għaliex kien qed jintalab *breakdown* tar-rata.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb, li hu kien ta' dan il-parir sabiex qabel ma jingħata l-kuntratt, il-Kunsill jivverifika li s-sottomettenti fehmu dak li kien irid minnhom il-Kunsill u b'hekk ma jkunx hemm problemi waqt ix-xogħol jew meta l-Kunsill jiġi biex iħallas.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kien jaqbel ma' dak li qal il-Kunsillier Ian Micallef jiġifieri, li jiġu kkuntattjati s-sottomettenti kollha.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li l-Perit għandu jħejji l-ittra hawn fuq imsemija, din tintbagħat mill-Kunsill lit-tlett sottomettenti, li dawn kellhom iwieġbu sat-Tlieta 3 ta' Frar 2009. Wara li l-Kunsill jirċievi din l-ittra għandhom isiru l-*workings* neċessarji, tissejjaħ laqgħa maż-żewġ sottomettenti l-oħra u titħejja rakkomandazzjoni oħra mill-Kumitat appuntat sabiex tiġi mressqa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**7.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li rigward il-ħlas pendenti mad-ditta *Aguis Marble Works* għal xogħol li sar fuq il-bust ta' Willliam Apap, dan għandu jitħallas kollox meta jiġi kkoreġut il-kliem Malti li hemm fuq l-istess monument.

**7.3.** Rigward il-bilanċ li għandu jitħallas lid-Ditta *Road Maintenance Services* dwar l-*embellishment* tal-*Housing Estate*, il-Kunsill qabel unanimament li l-Perit għandu jikteb lill-M.E.P.A. (U.I.F.) sabiex tintalab is-somma globali ta' €24,458.42.

Il-Viċi-Sindku reġa' nforma lill-Kunsillieri (minħabba li l-Kunsillier Ian Micallef ma kienx għadu preżenti għall-laqgħa) sabiex iressqu x'ideat dwar attivitajiet li jistgħu jsiru fl-*Activities Centre*.

**Kontinwazzjoni tal-Korrispondenza**

**3.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intbagħtet il-*fax* lill-*Cleansing Services Department* sabiex jiġu nstallati għaxar kaptelli fi Triq ix-Xatt għall-prezz ta' €708.00 VAT inkluża filwaqt li l-Kunsillier Anthony Abela ta rendikont tas-*site inspections* u x-xogħol li kien qed isir fuq l-i*storm water culverts* fit-triq hawn fuq imsemmija.

**3.6.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex tiġi nstallata *billboard* mal-ħajt tar-residenza Melal fi Triq Madonna tal-Ġebla sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti.

**3.7.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku għax-xiri ta' żewġ kotba 'Nagħrfu l-Leġġendi Maltin' ta' Gwido Lanfranco għall-prezz ta' €5.75 -il wieħed.

**3.8.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ntbagħtu erba' kwotazzjonijiet għal 22 *solar energy lighting* għall-*Activities Centre* li kienu:

| | | |
|---|---|---|
| *O.K. Ltd* | €2,018.39 | €1,168.20 |
| *APJ. Ltd* | €915.63 | |
| *Elektra* | €1,144.29 | |
| *The Light Shop* | €1,174.69 | |

Matul il-laqgħa li saret it-Tnejn 12 ta' Jannar 2009, mill-Kumitat appuntat dwar l-*Activities Centre*, ġiet irrakkomandata d-ditta *APJ Ltd* u meta ġew ikkuntattjati kemm is-Sindku kif ukoll, il-membri tal-Kunsill, permezz ta' *e-mail*, kollha qablu ma' dak li kien irrakkomanda l-Kumitat.

Għaldaqstant, id-ditta *APJ Ltd* kienet installat dawn id-dwal u l-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri l-ħlas ta' €915.63.

**3.9.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**8. Diskussjoni dwar il-Latrina Pubblika**

**8.1.** Din il-materja ġiet diskussa aktar 'l fuq f'paġna Nru. 2 para 2.1. Materji Konnessi.

## 9. *Computer Courses*

**9.1.** Il-Viċi-Sindku qal, li kien għadu qed jistenna risposta mis-Sur Anthony Borg dwar *Computer Courses* li kienu ser jiġu organizzati fl-*Activities Centre*. Huwa kompla jgħid, li l-*course* kien ser ikun maqsum fuq tlett *modules* li kienu, *Beginers, Word* u *Internet*.

## 10. Affarijiet Oħra

**10.1.** Iċ-*Chairman* informa li kien ser ikun imsiefer bejn id-19 u s-26 ta' Frar 2009.

**10.2.** Rigward taħrika ta' xhud dwar *Derelict Vehicles* fil-*Marshall Courts*, iċ-*Chairman* qal, li kien ser jirrappreżenta hu lill-Kunsill.

**10.3.** Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li kien iltaqa' ma' rappreżentanti ta' L-*Environmental Landscapes Consortium* minħabba li l-*gravel* li hemm fis-*Central Strip* kull meta tagħmel ix-xita, jinżel fit-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kien ċempel Dott. Cuschieri u qal li dan ma kienx proċess faċli u l-prezz kien ta' madwar €2,200 pero' dak in-nhar kien ser jiltaqa' il-*Board of Directors* u kien ser jitlobhom biex iraħsu l-prezz.

## 11. Laqgħa Oħra

**11. 1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis 12 ta' Frar 2009, fil-5.00 p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K028/119/09**

**January 2009 KLG5/26**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **Value €** | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| **944** | **Pace & Mercieca invoice No: 556440 wiċċ tal-Kċina – ActivitiesCentre** | **114.19** | **5761** |
| **945** | **Environmental Landscapes Cons. Ltd Maint. Soft Areas December 2008** | **2212.92** | **5776** |
| **946** | **Venture Trading invoice 11937 – Toner** | **124.99** | **5777** |
| **947** | **S. Rausi Trading Ltd invoice 21055312 dtd 30/12/08** | **38.82** | **5778** |
| **948** | **S. Rausi Trading Ltd invoice 21056041 dtd 19.01.09** | **38.82** | **5779** |
| **949** | **Squire Bookshop invoice 6734 Newspapers December 2008** | **33.78** | **5780** |
| **950** | **General Ecological Services Co. Ltd invoice Cleaning & CCTV inspection of 4 storm water Culverts on 17.12. and 22.12.08** | **1656.64** | **5781** |
| **951** | **Steve R. Farrugia Invoice No: 61 Sunday Street Sweeping – December 2008** | **378.52** | **5770** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **952** | **Steve R. Farrugia Invoice No: 60 Street Sweeping grass cutting m/sweeper 1 hr** | **4,640.10** | **5771** |
| **953** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 10420 job No: 8249 Road Markings** | **16.27** | **5782** |
| **954** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10421 job No: 8356 Road Markings** | **216.95** | **5783** |
| **955** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10422 job No: 8357 Road Markings** | **87.47** | **5784** |
| **956** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10423 job No: 8376 Road Markings** | **126.30** | **5785** |
| **957** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10424 job No: 8377 Road Markings** | **174.86** | **5786** |
| **958** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10426 job No: 8379 Road Markings** | **106.64** | **5787** |
| **959** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10427 job No: 8380 Road Markings** | **178.36** | **5788** |
| **960** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10428 job No: 8381 Road Markings** | **202.21** | **5789** |
| **961** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10429 job No: 8382 Road Markings** | **361.40** | **5790** |
| **962** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10430 job No: 8383 Road Markings** | **87.90** | **5791** |
| **963** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10447 job No: 8378 Road Markings** | **170.55** | **5792** |
| **964** | **Greenlines Environmental Services Ltd Invoice No: 15137 – 2 mobile toilets at Gżira Gardens – December 2008** | **365.80** | **5793** |
| **965** | **Melita p.l.c. invoice 26038230 monthly period 01.01.09 – 28.02.09** | **23.30** | **5794** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **966** | **Melita p.l.c. invoice 26112085 Hello Service period 08.01.09 – 07.02.09** | **105.49** | **5795** |
| **967** | **Alfa Co. Ltd invoice No: 50063 Rentals photo copier** | **116.00** | **5796** |
| **968** | **Alfa Co. Ltd invoice No: 50064 Rentals photo copier** | **241.00** | **5797** |
| **969** | **Mr. Alfred Portelli to reimburse Lidl Malta re attivita' 08.01.09** | **89.24** | **5762** |
| **970** | **GO p.l.c. invoice No: 21478251 tel No:341616 Rent January 09 Calls December 2008** | **26.68** | **5764** |
| **971** | **GO p.l.c.Invoice No:21479072 tel No:322157 Rent January 09 Calls December 2008** | **194.60** | **5765** |
| **972** | **GO p.l.c.Invoice No:21478240 tel No:334254 341034 Calls December 2008 Rent January 09** | **61.57** | **5766** |
| **973** | **Ms Nathalie Camilleri – Librarian November December 2008** | **223.86** | **5798** |
| **974** | **RTK Kampanja Dar tal-Providenza approved 30.12.08 Klg5/25** | **120.00** | **5799** |
| **975** | **Bitmac Works Ltd 5 Sacks Tarmac** | **19.25** | **5763** |
| **976** | **David Grasso – sound u Dawl re The Rainbow Christmas Concert.** | **175.00** | **5800** |
| **977** | **C.S.D. Office Trade invoice 24652 Stationery** | **127.74** | **5801** |
| **978** | **The Toolbox Invoice No: 8279** | **10.33** | **5802** |
| **979** | **Attivita' 16.01.09 – approved 30.12.09 Klg5/25** | **800.65** | **5768** |
| **980** | **Makaw Ltd invoice dtd 14.01.09 Supply & Installation of 600mmx600mmGypsum Vinyl Ceiling for Act. Centre approv. 30.12.08** | **2,212.50** | **5803** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **981** | **APJ Trading Invoice No: 714/2009 Energy Saving Lights for Act. Centre** | **915.63** | **5804** |
| **982** | **Cleansing Services Dept. Inv. 04 manuf. & replacing of slabs repair of culvert and pavement near bus stop Triq ix-Xatt** | **377.60** | **5805** |
| **983** | **Best Wishes invoice No: 2397 712 Stationery** | **116.86** | **5806** |
| **984** | **Books Distributor (BDL) Ltd – Books for Public Library** | **21.67** | **5807** |
| **985** | **Merlin Library invoice 031729 – Books for Public Library** | **83.98** | **5808** |
| **986** | **G4S (Malta) Ltd invoice No: 26476 Cash in Transit December 2008** | **15.13** | **5813** |
| **987** | **Stardelta inv. Nos: 3993449/3993460/ 3993463/3993466/3993468/3993472/3993478** | **191.24** | **5814** |
| **988** | **J.F. Mallia Ltd inv 41 maint W132 Triq Reggie** | **22.51** | **5815** |
| **989** | **J.F. Mallia Ltd inv 62-Job No: 13 W129 Triq Madonna tal-Gebla** | **22.51** | **5816** |
| **990** | **J.F. Mallia Ltd – inv.63 Job No:14 W049 Triq San Gorg – Burnt out lamp Door No:24** | **38.15** | **5817** |
| **991** | **J.F. Mallia Ltd – inv. 64 Job No:16 W097 Triq San Gorg – Burnt out lamp** | **42.34** | **5818** |
| **992** | **J.F. Mallia Ltd – inv.65 Job No: 18 W077 Triq San Albert** | **46.20** | **5819** |
| **993** | **J.F. Mallia Ltd – inv.66 Job No: 20 W159 Triq Cameron – Flickering** | **22.51** | **5820** |
| **994** | **J.F. Mallia Ltd – inv.67 Job No: 21 C044 Triq San Albert** | **70.50** | **5821** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **995** | **Mr. Joe Borg invoice No: 97 Spejjeż papri January 2009** | **46.59** | **5822** |
| **996** | **Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397668 Door to Door Collection – January 2009** | **5590.50** | **5772** |
| **997** | **Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397669 Hire of Skips – January 2009** | **432.87** | **5773** |
| **998** | **Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397670 Bulky Service for the month of December 2008 = 140 Calls.** | **766.36** | **5774** |